"*Fil-Lsien Malti l-ġieħ tan-Nazzjon Maltija*"

IT-TIENI KTIEB — ĠUNJU
TAS-SBATAX-IL SENA — 1941

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

## Il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti"

KULL TLIET XHUR

X'FIH DAN IL-GĦADD

| | |
|---|---|
| Iva, fir-Rebbiegħa | Editorjal |
| *Fis-7 ta' Mejju, 1941* | Dun Karm |
| *Malta Invicta* | Ġ. Chetcuti |
| Ħidma ta' sena | Ġ. Chetcuti |
| *Lwien* | Ġ. Pisani |
| *Binti* | K. Vassallo |
| Tifel tal-Baħar | Ġ. Galea, M.D., D.PH. |
| *Ieqaf mill-għied* | Ġ. Chetcuti |
| L-ewwel ġibda | G. Zarb Adami |
| *Mara* | Ġ. Chetcuti |
| *Il-Fiat ta' Marija* | R.M.B. |

―
# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA* | *TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* | ĠUNJU 1941

## IVA, FIR-REBBIEGĦA

Fl-ewwel ktieb ta' "Il-Malti" ta' l-1929 dħalna bil-mistoqsija: "Il-lsien malti fir-Rebbiegħa?"

Wara li flejna s-sura ta' l-ilsna ta' ġnus oħra finnisel tagħhom, fil-ħajja tagħhom, u fil-frott li taw, jiġifieri l-letteraturi tagħhom, u flejna mbagħad il-lsien malti ma' tul mijiet u mijiet ta' snin ta' ħajja aktarx imġebbda u marrada, mħabba fin-nuqqas ta' ħsieb u ta' għajnuna, nuqqas ta' xemx li ssaħħanha, ta' ilma li jsaqqiha u l-aktar, imħabba fir-riħ kiesaħ li kien jolqotha, qalbna bħal ingħafset u stagħġibna kif dan il-lsien sata' jibqa' ħaj: u bħala tweġiba għall-mistoqsija ta' fuq, kemm kemm ma għaddiex il-ħsieb minn rasna: "Le, għadna fix-xitwa."

Iżda, meta flejna x'kien għadda mil-lsien malti bejn l-1800 u l-1929, u rajna kif qajla qajla tgħarblet u ssaffiet il-kelma maltija, kif inħadmet xi ftit il-grammatka, intiżnu s-setgħet li għandu u xirka wara xirka fettxew li jagħtuh alfabet li joqogħdlu sewwa, biex titwettaq l-ortografija tiegħu, u f'ħin wieħed rajna x'kien beda jsir fil-għalqa tal-letteratura, x'ward sabiħ fid-daqs, fil-lewn u fil-fwiħa kien beda jiftaħ, il-ħsieb tagħna ssaffa, u b'qalbna miftuħa għal tama sabiħa staqsejna: "Tgħid il-lsien malti qiegħed fir-rebbiegħa tiegħu?"

Issa, minn dak in-nhar għaddew tnax-il sena, tnax-il sena ta' ħeġġa, ta' ħidma mix-xjuħ u ż-żgħażagħ tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" u miż-żgħażagħ tal-"Għaqda tal-Malti (Università)". Bħala rimja qawwija ta' "Il-Malti", ħareġ "Leħen il-Malti": proża mexxejja u sabiħa u poeżija mimlija bil-ħajja ta' l-għoxrin sena, fawru minn qlub għaqlija u ferrieħa; versi maltin inqalbu f'ilsna oħra u messhom tifħir li aħna ma konniex nistennew hekk sabiħ u qawwi; versi barranin mill-aqwa nqalbu fil-malti: seħħet ortografija waħda fil-kitba kollha li għandha għan irżin, u fuq kollox dehru novelli u rumanzi li joqogħdu tajjeb ma' ġenb dawk ta' letteraturi l-iżjed magħrufa.

Għaldaqstant, jekk fil-bidu ta' l-1929 stajna b'qalbna miftuħa għal tama sabiħa nistaqsu jekk il-lsien malti kienx fir-rebbiegħa tiegħu, illum nistgħu fil-ħaqq u fis-sewwa, mingħajr it-tara tal-mistoqsija, ngħidu : Iva, l-ilsien malti qiegħed fir-Rebbiegħa.

# Fis-7 ta' Mejju, 1941

*(Sunett-Talba)*

Ħniena, Mulejja, minn di' l-gżira tagħna,
    Li Pawlu dawwal bil-Vanġelju tiegħek :
    Ħniena mill-knejjes fejn Int tgħammar magħna,
    Fejn bosta qlub safjin jitħaddnu miegħek.

Kollox ħerba madwarna, iddew ! ismagħna :
    Tħallix lill-Għadu li kull jedd imiegħek
    Jiddieħek bik għax għandu id setgħana :
    Urih, urih, Mulej, kemm jiflaħ driegħek.

Aħna nafu, Missier, li birdet qalbna
    U ħsiebna ntilef wara ġid għaddieni
    U minn xofftejna biss jasallek talbna.

Iżd'Int, Alla ħanin, taf kemm hi fqira,
    Il-fehma ta' min jaħseb li hu hieni:
    Aħfer, Missier, u ħares lil di' l-gżira.

Dun Karm

# MALTA INVICTA

Malta ma tintrebaħx: għalxejn l-egħdewwa
Bil-għatx tad-demm, jaħbtu bla ħniena għaliha.
Hi qed titqabad għall-ħelsien w għas-sewwa
Bit-tama f'Alla—w Alla r-rebħ jagħtiha.

Iġġarrfu d-djar u mietu nies bil-qtajja':
Imma minn dat-tiġrif u mwiet tistenna
Li jfiġġ il-jum—il-jum ta' l-aqwa ġrajja—
Meta bid-dawl tar-rebħ Malta tithenna.

B'sidirha ta' l-azzar, minn Alla mnebbħa
Ma beżgħetx tidħol fit-taqbida kbira.
Id-demm tal-qalbenin jagħtiha r-rebħa:
Tal-għadu ħajjen *qatt* ma taqa' lsira.

F'dil-ġlieda minn ta' ħqir, ta' hemm, ta' dmija,
Ebda art *fil-ħila* għadha ma sebqitha.
Ħsiebha hu wieħed: tibqa' b'ruħ qawwija
Titqabad għall-ħelsien—u għal ħajjitha.

ĠUŻE CHETCUTI

18/5/'41

# ĦIDMA TA' SENA

*(Rapport tas-Sur Ġużè Chetcuti, Segretarju tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", għas-sena 1940. Dan inqara fil-Laqgħa Ġenerali li saret l-Empire Press, il-Ħadd, 18 ta' Mejju, 1941.)*

Sur President, Sinjuri,

Il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" għandha l-lum għax tħoss ruħha mkabbra li fiż-żmenijiet imwiegħra li għaddejjin minnhom, meta l-egħdewwa taċ-ċiviltà tagħna qed jiġu jżuruna kuljum u jwaddbu bla ħniena mill-ajru mewt u ħerba, hi, f'dawn iż-żmenijiet koroh, baqgħet ħajja u bla mittiefsa. Il-ħidma li qed jagħmlu l-imseħbin akkademiċi tagħha, li ftit li xejn ma ġiet imfixkla mit-taħwid u t-taqlib li qed isibu fil-ħajja ta' kuljum, għad titniżżel f'waħda mill-isbaħ paġni ta' l-istorja tal-"Għaqda".

Il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" taf il-ħajja tagħha mis-sena 1920. Kien l-ewwel Segretarju li kellha, is-Sur F. S. Caruana, li kiteb ittra lil "Ħabib" fejn fisser il-ħsieb biex il-kittieba tal-Malti ma jibqgħux aktar imxerrdin imma jinġabru f'xirka waħda, f'għaqda waħda, u b'ruħ waħda jħabirku biex igħollu u jagħnu l-letteratura tal-Lsien Malti. Dik kienet sejħa li seħħet. Dik is-sejħa kienet il-bidu ta' Għaqda, li b'ħil-itha, ma' tul l-għoxrin sena ta' ħajjitha, il-malti kiber fil-letteratura tiegħu, xtered fl-iskejjel kollha, daħal fir-rivisti u fil-ġurnali kollha, u—l-aqwa—warrad, sabiħ u qawwi, fil-qalb tal-ġenerazzjoni li tielgħa li għada pitgħada ma tisħetx u ma żżeblaħx ilsienha kif għamlu l-ġenerazzjonijiet l-oħra li marru u mietu.

Wara kważi li kienet ilha għoxrin sena ħajja, mess lili li nkun Segretarju tal-"Għaqda", u xtaqt u ridt li l-ħidma li nista' nagħti u nagħmel jien ma tkun xejn inqas kbira u inqas siewja minn dik li għamel l-ewwel Segretarju tagħha, il-fundatur tagħha.

## LAQGĦAT

Għalhekk l-ewwel ħsieb li kelli kien li jsiru laqgħat tal-Kumitat u ta' l-Imseħbin Kollha biex wieħed dejjem jara x'jista' jsir għall-ġid u għat-tmexxija 'l quddiem tal-"Għaqda". Fl-ewwel disa' xhur, jiġifieri minn Marzu sa Diċembru, 1940,

—disa' xhur li kif tafu lkoll kemm intom ma kenux mgħobbija ħlief bi tħarbit u b'biża' ta' gwerra—saru erba' laqgħat tal-Kumitat u laqgħa oħra Akkademika. Kull min ħa sehem fil-laqgħa Akkademika jaf li din irnexxiet tassew. Il-laqgħat tal-Kumitat irnexxew ukoll u taw frott tajjeb kif infisser aktar 'il quddiem. Ma' tul is-sena kienu jsiru laqgħat iżjed kieku ma kienx li f'Ġunju li għadda l-Italja iddikjarat gwerra kontrina u bdejna naraw l-egħfieret qerrieda tal-għadu jittajru fuqna li għall-ewwel fixkluna u ħawduna tgħidx kemm. L-imseħbin tal-"Għaqda" xterdu, min mar naħa u min mar oħra, u kellhom igħaddu xi xhur qabel ma rġajna ġejna xi ftit f'tagħna u stajna nerġgħu nibdew inlaqqgħu l-kumitati.

## ĦIDMA

Fost kollox kien inqata' li tingħażel Kummissjoni sabiex tara x'tibdil jista' jsir fl-Istatut. Il-President u s-Segretarju nħatru *ex-officio*. Ingħażlu wkoll: it-tabib Ġużè Galea, is-Sur Nin Cremona, u Dr. Anton Buttigieg. Ma hemmx għalfejn wieħed igħid x'reqqa ta' xogħol jitlob it-tibdil, it-taqlib, iż-żjieda u t-tnaqqis ta' Statut. Saret kemm-il laqgħa tal-Kummissjoni u x-xogħol miexi ġmielu.

Għaddiet ukoll korrispondenza bejn il-"Għaqda" u l-Gvern fuq il-kustjoni ta' l-ismijiet tat-toroq sabiex il-Malti, bħala wieħed miż-żewġ ilsna ta' l-amministrazzjoni tal-pajjiż, ikun imdaħħal fl-ismijiet kollha tat-triqat ta' Malta u Għawdex, sew ġodda kemm f'dawk li isimhom qed jitbiddel, u wkoll 'sabiex jinħatar Bord ta' nies li jistgħu jagħtu l-fehma tagħhom dwar l-ismijiet ġodda li għandhom jingħataw lit-toroq skond in-nisel, it-tradizzjoni u l-istorja tagħhom.' It-tweġiba tal-Gvern kienet illi nħatar Kumitat u li x-xogħol li għandu jagħmel jiġbor fih il-punti msemmijin fil-memorandum, mibgħut mill-"Għaqda" tagħna.

Ittra oħra nbagħtet lid-Direttur tat-Tagħlim li fiha fissirna l-ħtieġa li l-Malti jdaħħlu fil-klassijiet kollha tal-Liċew u tal-'Girls' Secondary School', u sabiex igħin kemm jista' lill-imseħbin tal-"Għaqda" u b'hekk ikun qed igħin il-letteratura maltija. Għalkemm il-Malti, b'riħet il-ħeġġa u t-tħabrik ta' Dr. A.V. Laferla LL.D.,O.B.E., mexa ħafna fl-iskejjel tal-Gvern,imma jisgħob bini ngħid li fl-ewwel tliet klassijiet tal-Liċew fejn hu bil-wisq meħtieġ, għadu s'issa ma daħalx. Aħna nifhmu li ż-żmenijiet tal-lum huma żminijiet ta' tfixkil

kbir l-aktar għall-Edukazzjoni ta' pajjiżna, imma nittamaw li Dr. Laferla jagħmel mill-aħjar li jista' biex l-Ilsien Malti jdaħħlu fil-klassijiet *kollha* tal-Liċew u ta' l-Iskejjel l-oħra Sekondarji.

## "IL-MALTI"

Ħaġa oħra l-"Għaqda" sabet ta' twegħir ma' wiċċha: il-ħruġ tar-rivista tagħha "il-Malti" f'dawn iż-żmenijiet mill-agħar tal-lum. Għandi naħseb li kulħadd jifhem liema taħbit iltqajt miegħu biex komplejt noħroġ dir-rivista: darba min-nhom kellha toħroġ b'għadd doppju ta' 40 paġna. Il-kitba, kemm proża kemm ukoll poeżija, ma għamlet qatt għajb lil dik li dehret fil-ħarġiet tas-snin ta' qabel—u hekk nittama li tibqa' sejra. Dan ifisser li la l-bombi, la n-nar u lanqas il-biża' tal-mewt li tinsab imdendla fuq rasna l-ħin kollu, ma jeqirdu dik ix-xrara ta' kitba li tinsab tixgħel bil-qawwa tagħha kollha fil-qalb tal-kittieba tal-Malti.

## REDIFFUSION—B.B.C.

Ħafna mill-kittieba tal-"Għaqda" tagħna kellhom dis-sena xi xogħlijiet tagħhom imxandrin minn fuq ir-Rediffusion u dan l-aħħar ukoll mill-B.B.C. Dan sar bil-ħidma u l-ħeġġa tal-"Għaqda tal-Malti (Università)" li mhijiex ħlief waħda mill-fergħat qawwija u b'saħħithom li ħarġu mill-"Għaqda" tagħna.

## IMSEĦBIN AKKADEMIĊI MEJTA

Il-"Għaqda" wkoll ġarrbet telf kbir bil-mewt ta' erba' mseħbin akkademiċi tagħha. L-ewwel kienet it-telfa ta' Dr. Ġużè Micallef, L.L.D., wieħed mill-membri ewlenin tal-"Għaqda" u wieħed mill-aqwa filoloġi li qatt kellu l-Ilsien Malti. Imbagħad, bħal sajjetta fil-bnazzi, waslitilna l-aħbar tal-mewt tat-tabib Ġużè Bonnici. Ħabrieki, ħaddiemi, dejjem ħsiebu fil-ġid li jista' jagħmel lill-Ilsien Malti, hu ma kien jegħja qatt fil-ħidma siewja u fejjieda li kien qabad fil-ħruġ ta' kotba bil-malti, rumanzi u poeżija, li nafu biżżejjed b'liema mod għollew u kabbru l-letteratura ta' pajjiżna. Il-ħidma tiegħu kienet kbira daqs kemm kbira kienet imħabbtu lejn l-Ilsien Malti. Il-baħħ li ħalla wrajh it-tabib Bonnici mhux la kemm jimtela. Smajna wkoll bil-mewt ta' Feliċ Mifsud Bonnici, li kien wieħed mill-imseħbin xjuħ u minn dawk li ħadmu fl-ewwel snin tal-"Għaqda"; u, ftit tax-xhur ilu,

bħal warda li tqaċċtet meta kienet għadha kemm bdiet turi ġmielha u tarmi l-fwieħa tagħha, hekk tqaċċtet il-ħajja żagħżugħa tal-Professur Kan. G. Theuma-Relf, vittma ta' l-ewwel attakk aħrax mil-*Luftwaffe*.

## IR-REBĦA

Bil-ħila u bil-ħidma wtieqa li dejjem tat il-"Għaqda" tagħna, l-Ilsien Malti mexa 'l quddiem ħafna, daħal fl-iskejjel kollha u l-lum jista' jiftaħar li għandu l-Professur tiegħu fl-Università li hu wkoll wieħed mill-aħjar u mill-aktar membri ħabrieka tal-"Għaqda". Għalkemm iż-żmien li ġej jidher imsaħħab ġmielu, u jista' jfisser il-qerda ta' lsienna u ta' dan ix-xogħol kollu li għamilna, imma bit-tama tagħna f'Alla, fil-qawwa tan-nazzjon li qed tħarisna, u fil-ħila u s-saħħa li qed turi Malta, ma għandniex naħsbu li dan is-sħab iswed li għaddej minn fuq gżiritna ma jgħibx darba għal dejjem, b'rebħa kbira għalina.

ĠUŻÈ CHETCUTI.

# Lwien

X'isir minnhom il-lwien tal-qawsalla
Xħin għajjiena mid-dehra tal-bliet,
Terġa' tidħol mnejn darba tkun ħarġet
Fil-palazz kollu dawl tas-smewwiet?

X'isir minnhom il-lwien minn tal-fjuri
Meta fl-aħħar tħallina r-rebbiegħa,
U fil-wied u fl-għelieqi u fil-ġonna
Il-ward jibda jitbiel ma' kull siegħa?

X'isir minnhom il-lwien tal-għasafar
Meta jaqgħu għajjiena mill-ħajja,
U fis-saltna ħanina tal-qabar
Tmut u tiskot għalihom kull ġrajja?

* * *

Jekk jintilfu dal-lwien ftit jimporta
Kieku tista' int treġġa' s-sbuħija
Tal-lwien ħomor li kellek fuq wiċċek
Meta bistni fil-jiem taż-żgħużija.

ĠORĠ PISANI

# BINTI

## F'JUM TWELIDHA

*(3 ta' Marzu 1941)*

Rajt dak in-nhar fil-milja kollha tiegħu
il-kobor ta' Driegħ Alla ta' l-insara:
u minn għajnejja
għal fuq ħaddejja
ħassejt għaddejja
(l-ewwel bil-biża', mbagħ'd bil-ferħ) bħal xmara
taħraq ta' dmugħ.

Jien għadni nemmen u nibqa' hekk! It-tafal
u t-tajn u t-trab li bihom ġismi ssawwar
ħabtu jitfu ġo fija
aktar minn darba d-dija
tax-xemx ħelwa tat-tama w tal-qdusija;
iżda l-għodod ta' ruħi
—li taf biċċa minn Alla—
ma ssaddu qatt sal-lum: baqgħu misnuna
sabiex jitqabdu annuna
ma' ġismi w irażżnuh.

Ċkejkna Rożanna, bid-demm sħun magħġuna
u bl-imħabba ta' tnejn li tawk il-ħajja,
int għamiltni missier!
Iżda, ja binti, ma kenitx il-ħila
ta' missierek u t'ommok
li ħbub għajnejk xegħlet bid-dawl, u 'l fommok
għaniet bil-qawwa tat-tbissim u l-biki;
kienet l-Id t'Alla twila, twila, twila
li tilħaq mis-smewwiet sa l-art u 'l isfel
mill-qigħan nett tal-baħar,
li tagħti l-ħdura lill-ħaxix u 'l-weraq,
li tislet mill-isħab il-leħħ tal-beraq,
li taħkem kullimkien—u żżomm u tmexxi
id-dgħajsa tal-ħolqien.

Kollox minn Wieħed sar: u l-ħlejjaq kollha
lil Wieħed biss u 'l Wieħed waħdu jafu
il-bidu ta' nisilhom!

Il-bniedem għodda f'idejn Sidu: Alla
jaqta', ifassal, idomm, jibni w italla'!
Lill-ħlejjaq jeħtiġilhom,
sabiex ikunu kif inhuma w jibqgħu,
il-ħarsien tal-Ħallieq.
Alla kbir wisq: u x-xogħlijiet ta' Driegħu
jistqarru u jixhdu l-qawwa ta' setgħatu!
Jien dan ġarrabtu fit-twelid ta' binti:
imma li nfissru ma jtinix il-kliem.
Naf biss li bżajt u fraħt u qalbi nqasmet
għax ma felħetx iżżomm għal dal-misteru,
li fil-familja ġiebli l-barka u s-sliem.

* * *

## F'JUM MEWTHA

*(21 ta' April 1941)*

Ma domtx nitpaxxa bik, għaxqa ta' qalbi
u l-akbar hena ta' żgħużiti mżewġa!
Kont drajtek tabilħaqq; kont sirt inħobbok
bi mħabba ta' missier u ta' poeta
li jħossu tiela' l-ġenna
meta jara tittenna,
bħalkieku f'mera, ix-xbieha tiegħu f'bintu.
Nifsek ħelu, bħal fewġa,
kont inħossu jimlieli l-qlugħ ta' ħajti
u jġagħ'lni nirbaħ kull tfixkil; fl-iskola
kont inġibek sikwit quddiem għajnejja
tifraħ b'missierek hu u jgħolli Lsienu
li fuqu ħela l-egħżeż żmien ta' żmienu.

Imm'int issa m'għadekx: waqajt bħal warda
li biha ttaqqal ġuf il-ġnien ta' mħabbti
biex raġa' tgħarwen hekk malajr! Rożanna,
għaliex għoġbok tħallini,
wara li ġejt tisqini
ftit ħelu u ħafna mrar?
Int kont l-għaxqa ta' ommok,
il-faraġ ta' missierek,
il-ġid kollu tad-dar!

Għax din kienet imtliet bil-miġja tiegħek
u faret bħalma tfur dielja bl-egħnieqed
fi dħul Settembru u kif ifur is-sema
bil-kwiekeb f'lejl bla qamar tar-rebbiegħa.
Imm'issa reġgħet baħħ; u xejn ġe' fiha
ma baqa' xi jferraħni,
ma baqa' xi jserraħni:
tbiddlet bħal-lejl min-nhar.

L-isħeħ għodod ta' mħabbti u mħabbet ommok
għalik, ja binti, ma swew xejn u tfarrku
quddiem l-għadu qalil tal-ġmiel ta' ħajtek.
U bla ma ridt u bla ma xtaqt, ja biċċa
minn ħajti u ħajjet ommok,
b'qalbi maqsuma rajtek
tbexxaq għajnek kemm-kemm il-leminija,
tiftaħ fommok u tmut.
U miegħek, dak il-ħin, ommok u jiena
—bħal żewġ erwieħ tal-ġibs jittallbu l-ħniena—
ħassejna ruħna mmutu wkoll u ksaħna
għal ftit, kif fik għal dejjem
kesaħ u żamm id-demm.

Kont inħobbok tassew u ħlift li mħabbti
nissokta nkattar, kull ma jmur, għalik:
ħlift li nagħmel minn kollox għall-ġid tiegħek:
għax l-isbaħ tamiet tiegħi kienu fik.
Imma d-dejr ta' tamieti u ta' xewqati
sibt li bnejtu fir-ramel:
hu ġġarraf minnufih
ma' l-ewwel żiffa riħ:
u jiena bqajt bil-ħolma ta' frugħati....

KARMENU VASSALLO

Siġġiewi, 28/4/41.

---

Xi tfisser għal Malta rebħa għall-Ingilterra? L-ewwel u fuq kollox tfisser li nibqgħu nistgħallu l-ħelsien tal-prinċipji tagħna. It-tieni, it-Twemmin reliġjuż ma jiġi nieqes u mfixkel qatt, u l-Ilsien Malti, l-ilsien nazzjonali tagħna, jibqa' sħiħ u jikber aktar.

# Tifel Tal-Baħar

Pupull trabba x-Xatt ta' l-Isla u kiber qalb id-dgħajjes u l-baħrin; għadda żgħużitu jitliegħeb fuq il-moll, issa jċafċaf f'xifer il-baħar, daqqa jistad bil-qasba f'idu u xi drabi jiggangma għall-gandoffli u l-arzell; kien jaf igħum daqs ħuta u fis-Sajf, minn fil-għodu sa fil-għaxija qajla kien jitla' mill-baħar, iżda kien iqatta' nofs ta' nhari jgħum f'nofs il-port ta' l-Isla daqqa jżiġġ ħafif qisu mulett, daqqa jitbandal mistrieħ f'wiċċ dik ir-roqgħa baħar ħiemed u kaħlani bħan-nir u fuq kollox kien iħobb jaqbeż u jogħdos minn fuq il-bagi, jew jagħti l-majnati ma' sħabu.

Hu qatt ma mar bil-qalb l-iskola, iżda l-ftit li mar swielu għax Pupull kellu moħħu jarfa' u ma kienx nieqes middehen, hekk li l-Imgħallem tiegħu xtaqu jibqa' fuq il-kotba u ħajjar lil ommu tħallih fuq it-tagħlim, għax deherlu li Pupull sata' jgħaddi 'l quddiem. Iżda Pupull kien iħoss ġibda kbira għall-baħar u aktar kien jitgħallem bil-qalb l-intietef tad-dgħajjes mill-irqaqat tal-Aritmetka. Hu kien jaf jagħti l-fehma tiegħu fuq il-għamla u l-ħeffa tal-kajjikki u dlonk jitkellem fuq is-sura u s-silta tal-firilli; il-hena tiegħu meta jsib min iqabbdu jqalfat xi lozzu jew jiżbogħ xi partiketta jew iwaħħal xi skalm; u billi kien tifel bieżel u dħuli kien traku jiġri minn naħa għal oħra jaqdi l-barklori jew is-sajjieda.

Hekk Pupull kiber u tfarfar u laħaq żagħżugħ mibrum b'saffejn, b'saħtu, bieżel, twil u fuq ruħu, ferrieħi, ta' qalb tajba u jħobb imidd idejh, kien jagħmilha ma' kullħadd iżda qatt ma ħalla 'l ħbiebu jħassruh u kien dlonk jaħrab il-ħażen; għalkemm kien iħaqqaqha ma' sħabu, hu l-kelma t'ommu qatt ma kisirha iżda kien joqgħod għat-twissijiet tagħha; hekk kiber ta' qalb safja u ħorr f'għamilu u fi ħsebijietu. Hu kellu surtu taqilgħu u għalkemm ma kienx jilbes ta' għani, iżda dejjem kien iżomm ruħu nadif li jista' jersaq quddiem kullħadd.

Pupull qatt ma ħamel il-għażż u minn kmieni daħal xrik ma' wieħed tad-dgħajjes, kien iġaħġaħ ġmielu u jgħin 'l ommu; il-jum kollu jaqdef għas-sidra, ġej u sejjer donnu mekkuk mix-xatt tal-Isla għal dak tal-Belt.

Imbagħad Pupull bla ħsieb ta' xejn qabditu xrara f'qalbu u maż-żmien xegħlet b'nar qawwi ta' mħabba kbira: darba waħda waqt li kien għaddej bid-dgħajsa minn taħt il-bini tas-Sirena rafa' għajnejh 'il fuq u f'waħda mit-twieqi

lemaħ xebba ta' ġmiel li ma bħalu. Mixħuta f'ħoġor it-tieqa dik iż-żagħżugħa kienet qisha xemx meta tfiġġ minn bejn is-sħab, kellha xuxitha isfar donnu żbul id-deheb, f'wiċċha kien jiddi bħal dawl li jgħaxxaq u l-kisra ta' għajnejha kienet issaħħar; hi ħarset bi ħlewwa lejn iż-żagħżugħ qaddief u dikment serqitlu qalbu u jassritu għal warajha; għad-dehra tagħha, Pupull ħass bħal tferfira ma' ġismu kollu, qalbu bdiet tħabbat imgħaġġla u baqa' bħal miblugħ mitni fuq il-moqdief u b'għajnejh imsammrin fit-tieqa fejn kien hemm il-għaxqa ta' qalbu.

U wara dak inhar Pupull raġa' ra x-xebba ta' xagħarha isfar bosta drabi oħra u kull meta jilmaħha qalbu kienet ittir bil-ferħ u tbissima ta' hena tfiġġ fuq xufftejh, imbagħad hu ħabrek u stħarreġ biex jikxef min kienet dik it-tfajla li għad-dehra tagħha hu kien iħoss l-aqwa faraġ jissawwab fuq qalbu u fl-aħħar sab li dik il-għażiża tiegħu kienet Vitorina, bint is-Sur Lawrenz, il-Gadraj. Imma għalkemm bosta drabi kien iterraq quddiem id-dar tas-Sur Lawrenz, u ġie li lemaħha fil-gallarija, Pupull qatt ma seħħlu li jkellem il-ħanina ta' qalbu; għax Vitorin kienet xebba sewwa u rżina, imrobbija fil-biża' t'Alla u fil-ġabra tad-dar, u għalkemm kienet ħasset ġibda lejn dak iż-żagħżugħ qaddief fuq ruħu u ta' bixra sewwa, iżda hi qatt ma ttarrfet aktar milli kien jixraq.

Iż-żmien dejjem għaddej, Pupull u Vitorin baqgħu jħarsu lejn xulxin u qalbhom dejjem tħeġġeġ bl-imħabba u għalkemm qatt ma ltaqgħu jew tkellmu, iżda l-fawra li kienet titla' għal wiċċhom hekk kif jilmħu lil xulxin, kienet biż-żejjed biex tixhed il-ħrara ta' qlubhom. Pupull minn dejjem kien tifel għaqli, iżda wara li beda jħares lejn Vitorin hu sar aktar tal-ħsieb u dlonk kien imaħħaħ biex jara x'jagħmel ħalli jkun iżjed jixraq lill-maħbuba tiegħu; iżda hu qatt ma basar x'għawġ u twegħir kellhom jinqalgħu qabel iseħħ il-ħsieb ta' moħħu.

Is-Sur Lawrenz kien bniedem faħħari, kburi u mqit, iridha tgħaddi dejjem tiegħu, u ta' rasu iebsa; għalkemm ma kellux qalbu ħażina iżda hu kien bla sabar u jitilgħulu malajr; kien għadda ħajtu jixtri u jbiegħ fuq il-vapuri u kien għaqqad erba' ħabbiet ġmielhom; imbagħad romol, rafa' mix-xogħol u tafa' l-ħrara ta' qalbu kollha fuq bintu Vitorina, li ma kellux ħliefha; kienet il-mimmi ta' għajnejh u għal kemm ma kienx jitilqilha tagħmel li trid, hu kien iħallas ġidu kollu biex jaraha hienja; it-tama tiegħu kollha kienet fuqha u dlonk kien italla' u jniżżel biex jiġborha sewwa billi jsibilha xi żagħżugħ għani u tal-ġieħ. Għaldaqshekk wieħed jista' jaħseb kemm is-Sur Lawrenz ħadha bi kbira meta

xamm li bintu kienet tħares lejn daqsxejn ta' tifel tal-baħar, ħa dagħdigħa li ma bħalha u ħalef li liż-żewġ żgħażagħ kellu jaqtgħalhom iż-żarda u ma jħallihomx iżjed iħarsu lejn xulxin; beda biex ta lsien bil-kif lil bintu u widdibha li jkun ħażin għaliha jekk iżżid tħares lejn Pupull. Vitorin, tifla ġwejda u li dejjem mejlet rasha għar-rieda ta' missierha, infexxet f'bikja kbira u sarret għommitha ġewwa qalbha. Imbagħad is-Sur Lawrenz ried ikellem lil Pupull; sabu x-xatt ta' l-Isla, sejjaħlu u kisru quddiem ġemgħa nies.

Għaċ-ċanfira tas-Sur Lawrenz, Pupull għall-ewwel daħal ġo qoxortu u tbikkem, iżda mbagħad għamel ħila lilu n-nifsu u qam fuq tiegħu:

"Sur Lawrenz, kun af li lil bintek qatt ma nqastha mill-qima li jistħoqqilha," qal Pupull. "Hażin għalik jekk tarfa' għajnejk lejha!" għajjat is-Sur Lawrenz b'saħna kbira.

"X'fiha billi nħares lejn bintek?"

"Qiegħed ngħidlek jekk naqbdek tħares lejha b'rasek idur", għajjat is-Sur Lawrenz maħnuq bit-tbaqbiqa.

"Idur b'rasi jekk nagħmel xi ħaġa ħażina."

"X'nistenna minn għand żewwiel bħalek?" qal is-Sur Lawrenz b'demmu jagħli.

Pupull inkiser u nstamat, qalbu saret daqs ġulġliena, ħass il-għajnejn ta' dawk li kienu jisimgħu jaqgħu fuqu b'ħarsa ta' tmaqdir u ta' tkasbir, wiċċu tfawwar, demmu xegħlu u tferfira ta' qilla ġriet ma' ġismu kollu; kien se jħebb għas-Sur Lawrenz, imma f'dak il-waqt ix-xbiha tal-maħbuba giet quddiemu, xbiha ħelwa u ta' faraġ li ħannitlu 'l qalbu, berrditlu s-saħna u żammitu sieber.

Imriegħex u mgħaddab iż-żagħżugħ barklor warrab minn ħdejn in-nies u baqa' sejjer waħdu għal għonq it-triq jaħseb u jixtarr fuq il-biċċa li ġratlu. Mitt darba Pupull ġieh f'moħħu li jarġa' lura u jmur ikellem lil Vitorin b'inkejja ta' missierha, imma l-ħsieb li b'għamilu sata' jwaġġgħalha qalbha rażżnu u żammu milli jagħmel hekk; fuq kollox hu kellu għoqla oħra f'qalbu, għax sata' jobsor li issa kien waqa' f'ilsien in-nies u stħajjel li wara li tiġri x-xnigħa tar-regħxa li qala', ħbiebu u kull min kien jafu, jibdew iżebilħuh u jżommuh bħala bniedem bla ħeġġa u bla ħila.

Mikdud minn dawn il-ħsebijiet, Pupull kien wasal salġnien ta' fuq il-Ponta ta' l-Isla u hemm intelaq bil-qiegħda fuq maqgħad għad-dell ta' siġra kbira; dam qatigħ ħosbien u mdejjaq, italla' u jniżżel fuq kif kellu jġib ruħu meta għaj-

nejh waqgħu fuq il-Kastell ta' Sant Anġlu u minnufih għaddielu ħsieb minn moħħu: imur jinkiteb baħri fuq l-iġfien ħalli jsiefer biex hekk forsi jinsa d-dwejjaq ta' qalbu u jistrieħ u jserraħ; u hekk għamel.

Xejn ma sewa li omm Pupull bkietlu u raħħmitlu biex ma jmurx baħri fiż-żmenijiet li kienu fihom, żmenijiet koroh u ta' niket minħabba t-tiġrib tal-gwerra; hu ried jitbiegħed minn xortih il-ħażina u tlitt ijiem wara ħareġ minn Sant Anġlu liebes ta' baħri. Fix-xatt ta' l-Isla sħab Pupull daru miegħu jinbxuh biex igħidilhom x'webblu jidħol baħri, iżda hu ma kellux ħsiebhom u biex jeħles u jaħrab minn kulħadd, talab u qala' li jsiefer ma' l-ewwel biċċa tal-gwerra li kienet għal barra.

***

Għaddew sitt xhur; sitt xhur ta' qilla, ta' biża' u ta' hemm; Malta ġarrbet għali kbir; il-għadu kien ħabat għaliha bosta drabi bi ħruxija li ma bħalha u warajh ħalla ħerba li tbikki u ħsara li tkexkex: djar imġarrfa, nies meqruda, oħrajn midruba, u l-għadu ma jagħti nifs ta' xejn, iżda dlonk jiġi jiżra' mill-ajru qirda u ħerba.

Darba wara nofs inhar biċċa tal-gwerra daħlet fil-port ta' l-Isla u ftit wara li tefgħet l-ankri, Pupull il-baħri deher nieżel mas-sellum tal-ħabel; rikeb fuq dgħajsa u qallhom biex jaqdfu bla telf ta' żmien lejn l-Isla; malli messew ix-xatt, Pupull qabeż b'ħeffa kbira fuq l-art, ħares ħarsa ma' dwaru, ġibed nifs qawwi, wiċċu ħa d-dawl, tqanqila ta' hena leħħet f'għajnejh u tbissima ta' ħlewwa feġġet fuq fommu; kien jidher imsaħħar u mogħni minn dak il-faraġ jew għoġba li wieħed, wara li jkun ilu mbiegħed minn art twelidu, iħoss malli jarġa' jirfes fuqha.

Donnu miġbud minn sejħa ta' għożża, iż-żagħżugħ baħri, ħafif u fuq ruħu, telaq igħaġġel lejn id-dar t'ommu, iżda kien għadu ma mexiex daqs tefgħa ta' ġebla meta nħasad u waqaf għall-għarrieda, saqajh ħdielu, demmu kesaħ u ġismu qam xewk xewk: dak il-ħin is-sirena tat-tarzna nstemgħet tnewwaħ. Għall-ewwel Pupull bil-kemm ried jemmen lil widnejh u baqa' bħal miblugħ, iżda minnufih it-tnewwiħ ta' sireni oħrajn instama' ġej minn naħa tal-Belt, fil-waqt li l-qanpiena ta' Sant Anġlu bdiet iddoqq imgħaġġla u maħtufa.

It-tnewwiħ tas-sireni beda jmewweġ minn naħa għal oħra u qanqal ma' kullimkien tkexkixa ta' biża' u ta' qtigħ il-qalb. F'daqqa waħda qamet ħamba tal-għaġeb; it-toroq inħonqu bin-nies igħajjtu, iwerżqu u jiġru kemm jifilħu donnhom

imbellhin bil-biża'; bibien bdew jinfetħu u jingħalqu b'tisbita, u minnhom joħorġu nisa jkarkru 'l uliedhom, u ommijiet iqandlu t-trabi tagħhom, ġirien jixirfu mit-twieqi jsejħu 'l xulxin; it-tfal telqu l-logħob, l-irġiel refgħu mix-xogħol, talħwienet qaflu bwiebhom, il-bejjiegħa ġabru ħwejjiġhom, ilburdnara żarmaw il-bhejjem, dawk tad-dgħajjes qadfu malajr lejn ix-xatt u qabżu l-art.

Madanakollu t-tnewwiħ tas-sireni kien għadu ġej mewġ mewġ jimla l-ajru bil-waħx u jiksi l-art bil-biża'; dak id-diwi tas-sireni kien jidħol fil-qalb, ikessaħha, iħeddilha u jmewwitha, iżda mbagħad beda jnaqqas u jintefa sakemm spiċċa fix-xejn.

Issa t-taħbila kienet żdiedet u l-biċċa l-kbira tan-nies ta' l-Isla kienu ħarġu fit-toroq, kulħadd iħambaq, kulħadd igħajjat, min iferfer idejh lejn is-sema u min jiġbed lil sħabu lejn il-kenn.

Pupull wara li għaddietlu l-ewwel dehxa baqa' għal ftit jaħsibha x'ser jagħmel, iżda f'daqqa waħda ftakar f'ommu u minnufih telaq ġirja waħda għal ħdejha; feraq ir-rases ta'nies, warrab lil min sab quddiemu, tela' t-toroq weqfin ta' l-Isla donnu mtajjar fuq il-ġwienaħ u f'radda ta' salib sab ruħu fittriq fejn kienet tgħammar ommu; malli dar mal-liwja jaħbat wiċċu ma' dik li kien qiegħed ifittex u wkoll f'dik it-telfa ta' biża' u hemm li kienu fiha, malli raw 'il xulxin, omm u iben, wiċċhom ħa d-dawl u għajnejhom ixxarrbu bid-dmugħ ta' hena. Iżda ma kellhomx żmien x'jitilfu. Pupull qabad lil ommu minn idha u telaq igħaġġel b'ħerqa kbira jiġbidha lejn il-kenn fil-blat biex jeħlisha mit-tiġrib; iżda malli waslu ħdejn id-daħla tal-kenn sabu geġwiġija kbira ta' nies imbellhin bil-biża' kollha jgħajjtu, jiġġieldu, jrossu u jitfgħu 'l xulxin biex jidħlu l-ewwel; nisa jgħollu t-trabi fl-ajru, tfal jiddeffsu bejn is-saqajn, irġiel jinbuttaw biex jiftħu mnejn igħaddu, żgħażagħ jitlewmu; kien hemm ħamba li ttarrax: agħjat, ġlied, biki; min jisħet lill-għadu, min jitlob lill-Bambina tidħol għalih, min isejjaħ lil uliedu, min igħin lil qrabatu; kulħadd mifxul u mgħaġġel, kulħadd imwerwer u bla sabar, iżda fuq kollox kulħadd kellu għan wieħed: li jdabbar rasu bla telf ta' żmien.

Fl-aħħar in-nies daħlu jistkennu taħt il-blat u fit-toroq waqgħet ħemda tal-biża'. Is-sirena kienet siktet u bħal mewġa ta' swied il-qalb donnha waqgħet fuq l-Isla u għattietha bħal f'kefen il-mewt; ukoll in-nies ta' ġewwa l-kenn tbikkmu u qalbhom bdiet ittaqtaq fil-waqt li jistennew ħerba, qirda u hemm neżlin mis-sema.

Instama' twerdin ta' ajruplani fil-bogħod. In-nies irtassu ma' xulxin, wiċċhom sfar, raddew is-salib u ċaqalqu xufftejhom għal xi talba 'l Alla. It-twerdin kull ma jmur beda jinstama' joqrob u jitqawwa sakemm in-nies dehrilhom li kien wasal fuqhom sewwa; qabdithom tkexkixa, libtu u ħarsu lejn xulxin b'rogħda qawwija fuqhom. Dak il-ħin instemgħet tfaqqigħa ta' balla ta' kanun, warajha, oħra, imbagħad oħra u mbagħad mijiet ta' balal instemgħu jfaqqgħu f'daqqa.

Dikment fis-sema donnhom kienu ħarġu dawk ta' barra: minn-hawn u qajmu taqliba tal-waħx: ħsejjes ta' ajruplan[1] jwerdnu u jżarżru waqt li jgħoddsu, tqarmiċ tal-makni tagħhom u tvenvin ta' *screws*, tisfir ta' balal, ċaqċiq ta' kanuni żgħar, damdim ta' kanuni kbar, titjir ta' frak tal-balal, tkarwit ta' bini jiġġarraf. Imbagħad bdew iqumu rjieħ sħan imseħbin ma' tfaqqigħ qawwi li jtarrax u jriegħed l-art u ma' kull tfaqqigħa n-nies jixxejru minn naħa għal oħra donnhom għalqa żara' milquta minn fewġa riħ.

Pupull u ommu ħassew il-kenn jaqbeż ma' kull tfaqqigħa u l-blat jirtogħod donnu se jordomhom taħtu; sħaba ta' trabijiet daħlet fil-kenn u bdiet toħnoq in-nies, dawn twerwru u qabadhom ferħ ta' ġenn bil-biża', infexxu fi twerżiq u xhir u biki u qajmu taħbila li ma bħalha. X'uħud ħasshom ħażin, kien hemm min intelaq għal mejjet u kulħadd ħass demmu jiksaħ donnu mberred minn ċaqliq il-ġwienaħ tal-mewt. Madanakollu l-balal tal-għadu kienu għadhom neżlin isaffru tisfir li jidħol fil-qalb, itajru u jġarrfu kull fejn jaħbtu u l-art taqbeż mal-ħabta tagħhom, il-bini jtir mad-daqqa u l-ġebel tiegħu jdum qatigħ jitgerbeb u jkarwat.

Il-ħbit mill-ajru dam fuq siegħa; siegħa ta' twerwir u ta' biża', ta' niket u ta' hemm, siegħa li dawk ta' ġewwa l-kenn stħajluha twila daqs mitt sena. Fl-aħħar it-tfaqqigħ tal-balal ħeda, il-kanuni siktu u l-ajruplani tal-għadu għaddew. In-nies ħarġu jiġru minn ġewwa l-kenn u dehra ta' ħerba u ta' taqdir feġġet quddiem għajnejhom: djar imġarrfa gozz ġebel, oħrajn imħeżħża, bibien imberrħin u maqlugħin miċċaċċis, twieqi miksurin u mtajjrin, gallarijiet imżakkrin u mxenglin; it-toroq kienu mimlijin bi frak ta' żġieġ u bċejjeċ ta' għowwied; riħa ta' polvri maħruq u sħabijiet ta' għabra u trab igħattu kullimkien, jaħarqu l-għajnejn u jgħarrxu l-imnifsejn.

Dak il-ħin inqala' tifel jiġri u jgħajjat donnu mherwel: "Tajjru d-dar tas-Sur Lawrenz, il-Gadraj!"

Pupull qalbu għamlet tik; minnufih ġieb quddiem għajnejh il-ħanina tiegħu u tkexkex meta stħajjel li hi setgħet

intradmet taħt l-imramma tad-dar; bla ma qagħad jaħsibha darbtejn Pupull wissa 'l ommu biex taħseb għal rasha u telaq jiġri biex jagħti daqqa t'id. Sab geġwiġija ta' nies quddiem id-dar imġarrfa tas-Sur Lawrenz; min jiġri 'l hawn u min jiġri 'l hemm,kulħadd mifxul, kulħadd imgerrex. Pupull kien se jieqaf jistaqsi x'ġara sewwa, x'ħin minn ġewwa d-dar instama' l-leħen mitfi tas-Sur Lawrenz jitlob għajnuna. Iż-żagħżugħ baħri warrab bil-herra lil min sab quddiemu, resaq quddiem id-dar sewwa u hemm għajnejh waqgħu fuq dehra ta' biki u qsim il-qalb.

Id-dar tas-Sur Lawrenz kienet iġġarrfet minn naħa ta' quddiem, iżda minn naħa ta' wara kienet għadha wieqfa għalkemm miftuħa, imxengla, immejla sa taqa' u ma taqax u ġebel u mazkan neżlin jiġġarrfu minnha l-ħin kollu. Taħt l-ewwel liwja tat-taraġ, li kien għadu wieqaf minn nofsu l-isfel, kien hemm is-Sur Lawrenz u bintu Vitorin imgeddsin u mħaxknin mal-ħajt, wiċċhom isfar daqs il-qarsa tax-xama, imregħdin jistennew il-ħin kollu l-bqija tad-dar tiġġarraf fuqhom.

Kien hemm ħafna rġiel imħajrin imorru jgħinu lis-Sur Lawrenz, iżda kollha kienu jidhru bejn ħaltejn jekk jidħlux fid-dar imġarrfa jew le, għax kien hemm biża' li malli bniedem jirfes hemm ġewwa bit-toqol tiegħu jista' jċaqlaq xi rfied u jniżżel il-bqija tad-dar.

Iżda ż-żagħżugħ baħri ma qies xejn; felħan u qalbieni, ntafa' qalb il-ħerba tad-dar jaqbeż minn fuq ġebla għal oħra, ħafif donnu għażżiela u f'radda ta' salib laħaq ħdejn il-maħbuba ta' qalbu; bla telf ta' żmien refagħha fuq idejh bħal tarbija u ħarigħa b'ħeffa kbira minn dak it-tiġrif kollu.

Vitorin ma kellmitux lil Pupull, anqas radditlu l-ħajr iżda ħarset lejh u l-leħħa li ħarġet minn ħbub għajnejha hu ħassha dieħla sal-qalb ta' qalbu. Imħeġġeġ minn dik il-ħarsa ż-żagħżugħ raġa' nxteħet ġewwa d-dar biex jeħles is-Sur Lawrenz. Huwa u dieħel ġie x'qallu : "Ser tarġa' tilgħab ħajtek għas-Sur Lawrenz, dak li kien għajjrek żewwiel quddiem ruxxmata nies?" Imma Pupull ma raġax lura millfehma li jgħin lil għajru. Hu ħass ruħu mitfugħ minn saħħa qawwija u minn ħeġġa ħarkiena : is-saħħa li tqajjem l-irġulija u l-ħeġġa li titnissel mill-qlubija. Dak il-ħin Pupull nesa kull ma kien għadda bejnu u bejn is-Sur Lawrenz u għamel biss dak li wissewh qalbu u dmiru; imtajjar minn ħila talgħaġeb b'erba' qabżiet sab ruħu ma' ġenb missier Vitorin ħatfu minn taħt abtejh u għenu joħroġ 'il barra. Is-Sur Lawrenz kien qisu bniedem mifluġ bil-qatgħa li kellu fuqu u

Pupull ħtieġlu jerfgħu l-ħin kollu u daqqa jwieżnu fuq ġebla, daqqa jżommu ma' biċċa ħajt, fost it-taqtigħ ta' qalb ta' kull min kien jarahom, fl-aħħar iż-żagħżugħ seħħlu joħroġ is-Sur Lawrenz mill-ħerba tad-dar u jeħilsu minn kull tiġrib.

In-nies kollha nsew il-hemm li kienu fih u daru ma' Pupull ifaħħruh u jċapċpulu, iżda hu baqa' ħiemed u ma ta widen ta' xejn, biss ħass tferfira ta' ħlewwa f'qalbu meta Vitorin resqet u ħaditlu b'idu, imbagħad ġarrab ferħ kbir meta s-Sur Lawrenz ħaddnu miegħu u biesu bħallikieku kien ibnu.

*
* *

U minn dak in-nhar 'il quddiem is-Sur Lawrenz baqa' jżomm il-Pupull bħala ibnu u biex jurih il-għożża ta' qalbu wettaq bil-barka tiegħu l-ġibda li dak it-tifel tal-baħar kellu leju Vitorin, it-tfajla ta' xagħarha isfar.

ĠUŻÈ GALEA

# Ieqaf mill-Ġlied

Ieqaf mill-ġlied, ja bniedem: żomm fi ħsiebek
Li l-għana li qed teqred mhuwiex tiegħek.
Min tak il-jedd li taħsad ħajjet ħbiebek
U nies li qatt ma kellhom x'jaqsmu miegħek ?

Ħares, madwarek in-Natura sbejħa,
Qiegħda tistiednek tgħix fis-sliem u l-hena.
Isma', lil hinn mis-sħab hemm tidwi s-sejħa:
"Ħobb u jħobbuk, iżżidx fil-ġlied tinfena."

Ara, fil-ġonna l-ward f'żifna għalenija;
Mis-siġar ġejja l-għanja tal-ħelsien,
Fis-sema l-kwiekeb jiddu, mija mija,
Jidħak, fid-dawl tal-qamar, il-ħolqien.

Tgħallem ħobb lil ħbiebek u 'l-egħdewwa
U għix fis-Sliem, fl-Imħabba u fis-Sewwa.

* * * *

# L-EWWEL ĠIBDA *

Tooriri kien belti għani ta' Bagdad, magħruf minn kulħadd għad-drawwiet tajba tiegħu. Hu mhux biss kien hekk iħobb lill-fqar u jagħtihom minn ġidu li fl-aħħar kellu jnaqqas ħafna mill-lussu li kien imdorri fih, imma kien jagħti widen u joqgħod jisma' bl-ikbar ħlewwa t-tgemgim, it-tnehid u t-talb tagħhom, u jispiċċa biex ifarraġhom u jgħinhom mill-aħjar li jista'.

Hu kien jieħu bis-sabar il-miżerji kollha tal-ħajja, kien jaħmel lil kulħadd u lanqas jobgħod lil dawk li ma kenux jaqblu mal-fehmiet tiegħu—ħaġa li tiltaqa' magħha darba fil, għax aktarx kull bniedem f'qalbu jixtieq li kulħadd hu agħar minnu, għalkemm fl-istess ħin ukoll li jkun jixbhu.

Kien miżżewweġ mara kemm jista' jkun inkejjuża, imma qatt ma bidilha; kien jisma' bis-sabar it-tgemgim tagħha, jaħfrilha malajr wara x-xenati kbar li kienet tagħmillu, u lanqas qatt ma wrieha li kienet xjieħet u kriehet. Kittieb u poeta, kien tassew jieħu gost bis-suċċessi ta' sħabu u kien jurihom il-ferħ u l-ħbiberija tiegħu bi kliem meqjus u ħlejju.

Fi ftit kliem kien iħenn għal għajru u jħobbu; kien dħuli u ħelu ma' kulħadd; kellu idu miftuħa; u ma kienx jaħmel il-qerq—qaddis u ġentlom fl-istess ħin.

F'wiċċu, b'dana kollu, ma kenitx tidher dik il-kalma li x'aktarx hi l-għelm tal-qdusija. Le, wiċċu kien imkemmex bħal ta' bniedem li fuqu ikunu setgħana l-ġibdiet ħżiena, jew li għandu jifnih xi hemm moħbi. Kemm-il darba kien jieqaf u jbaxxi għajnejh lejn l-art biex jinġabar fih in-nifsu u jaħbi ħsebijietu minn għajnejn in-nies. Iżda ħadd ma kien jagħti każ ta' dan.

Mhux bogħod minn Bagdad kien igħix ir-raheb Maitreya, li kien jagħmel ħafna mirakli u li kienu jmorru jżuruh biex jagħtuh qima ħafna ħaġġieġa. Maitreya kien rebaħ il-ġibdiet kollha tal-bniedem. Hu għażel li ma jitħarrek qatt u baqa' dejjem f'qagħda waħda, tant li l-ħuttaf beda jbejjet fuq spallejh. Il-leħja kienet waslitlu sa ħżiemu u kienet maħmuġa daqs dnub il-baqar imqaddsa tal-Indja; u ġismu kien tkemmex daqs iz-zkuk niexfa tas-siġar. Hekk dam igħix għal disgħin sena sħaħ, għax dan kien l-idijal tiegħu.

---

* Storja miktuba bil-Persjan minn awtur mhux magħruf, li ġiet maqluba bl-Ingliż u mitbugħa fil-ġabra 'The Masterpiece Library of Short Stories'; imfissra bil-Malti minn G. Zarb Adami.

Darba waħda sema' wieħed ħaġġieġ li kien mar iżuru, igħid dal-kliem: "Donnu f'Tooriri ħa ġisem u sar bniedem l-istess Ormuzd (1)—tant hu raġel tajjeb, u żgur li fid-dinja ma kienx ikun hawn ebda tbatija, kieku bniedem bħal dan kien jirnexxilu jagħmel kull ma jixtieq."

Maitreya bbies aktar fil-qagħda li kien fiha. Kienet ħaġa ċara li r-raheb kien qed igħarraf lil Ormuzd in-nifsu b'dak kollu li kien sama'. Wara li għadda ftit tal-ħin, li fih Maitreya kien jidher miġbur fih in-nifsu, hu hekk mar igħid lill-ħaġġieġ:

"Jien ma nistax naqla' minn għand Ormuzd il-grazzja li Tooriri jkollu s-setgħa jagħmel kull ma jixtieq għax inkella hu jsir Alla. Imma Ormuzd, fit-tjubija tiegħu, ser minn għada 'l quddiem, iħalli jitwettqu l-ewwel ġibdiet li jħoss dan ir-raġel qaddis." "Din hi kważi l-istess ħaġa li xtaqt jien,' wieġeb il-ħaġġieġ. "L-ewwel ġibdiet ta' Tooriri, bħax-xewqat tiegħu kollha, żkur ikunu mimlijin ħniena u b'hekk tidher il-qalb tajba tiegħu. Ja Maitreya, ħaqqek ġieħ kbir, għax inti tajtni aħbar tajba, u l-hena ser jitnissel fost ħafna bnedmin; jiena niżżik ħajr."

Kieku għajnejn il-ħaġġieġ setgħn joforqu l-leħja ta' Maitreya kienu jilmħu dell ta' tbissima jitliegħeb fuq xuftejh, imma r-raheb ma damx ma reġa' ntilef fil-ħolm ta' ħsebijietu.

Il-ħaġġieġ raġa' lura lejn il-belt ġa ferħan li l-għada l-għaref Tooriri kien ser jibda juri s-setgħa kbira tiegħu billi jwettaq ħafna egħmejjel ta' ħniena.

L-għada fil-għodu Tooriri stenbaħ qabel martu u ħares lejha għal waqt wieħed biss; imġiegħla minn setgħa misterjuża, hi qamet għall-għarrieda, marret qrib it-tieqa, qabżet 'il barra, u farrket rasha fuq il-ġebel tal-bankina.

Meta Tooriri ħareġ barra, ġemgħa tlaleb inġabret ma' dwaru u l-koll bdew jitolbuh igħinhom. Hu ma qallhom l-ebda kelma ħarxa, u idu waħedha kienet ġa bdiet riesqa lejn il-but meta t-tlaleb kollha waqgħu mejtin zoptu f'riġlejh

Ftit wara ltaqa' mas-sbejħa Mandaniki, u hu—l-għaref u safi Tooriri—sellmilha u baqa' sejjer warajha sa darha. Waqt li hi kienet qiegħda ttarrafiu ħajjetha u hu kien qed iżommha bil-ħlewwa kollha fi ħdanu, Mandaniki mietet f'idejh.

Tooriri telaq 'il barra, iżda meta wasal f'salib it-toroq ma setax jissokta jimxi għax għadd ta' karozzi kienu tħawdu

(1) Alla.

ma' xulxin u għalqu t-triq. Hu tilef is-sabar; f'daqqa waħda, il-kuċċiera kollha waqgħu mejta minn fuq is-saldaturi u liż-żwiemel kollha bdew jinqatgħulhom l-egħruq tagħhom qisu minn minġel, imma mistur minn għajnejn kulħadd.

Fil-għaxija Tooriri mar sat-tijatru; waqt li kien hemmhekk beda jħaqqaqha mal-għaref Sarvilaka dwar vers ta' poeżija li fil-fehma ta' dan kien miktub minn Nisami, u fil-fehma ta' Tooriri kien miktub minn Saadi, il-poeta talward. F'daqqa waħda l-għaref Sarvilaka nqaleb lura millmaqgħad li kien fuqu u neħħa minn ġo fih xmara sħiħa ta' demm iswed. Il-kummidja li kienet qiegħda ssir dik ilgħaxija rnexxiet ħafna u kulħadd beda jċapċap lill-artisti. B'dana kollu ftit qabel ma Tooriri qata' li jingħaqad mannies l-oħra biex juri l-għoġba tiegħu u kemm l-awtur kien jistħoqqlu min ifaħħru, dana miet għall-għarrieda.

Tooriri reġa' lura lejn daru, imwerwer u mkexkex b'dak kollu li kien ġara ma' tul il-jum, u fid-dwejjaq li qabduh, meta ma satax jifhem kif u l-għaliex kienu twettqu dawk ilġrajja, qatel ruħu b'idejh, billi niffed qalbu bi stallett.

F'dak l-istess lejl miet ukoll Maitreya, ir-raheb qaddis. It-tnejn flimkien dehru quddiem il-għaref Ormuzd, u minn moħħ ir-raheb bdew għaddejjin dawn il-ħsebijiet:

"Ma jisgħobbinix jekk jiġi kkastigat, kif jistħoqqlu, dan il-qaddis falz, li għal żmien twil kiseb il-qima tal-boloh Persjani, imma li f'jum wieħed biss, meta kellu s-setgħa juri tassew xinhu u xi jsarraf, ma għamelx ħaġa oħra ħlief għadd kbir ta' dnubiet u ta' delitti."

Iżda l-għaref Ormuzd mar jitkellem hekk: —

"Ja safi Tooriri, bniedem tassew ħanin u twajjeb, qaddej fidil u lijali tiegħi, idħol f'din is-saltna fejn hawn paċi li qatt ma tintemm."

"Din hi tassew ċajta li ddaħħkek!" qal ir-raheb.

"Qatt f'ħajti ma tkellimt b'serjetà aktar mil-lum," wieġeb Ormuzd, u ssokta jgħid hekk:

"Tooriri, inti xtaqt il-mewt ta' martek għaliex hi la kienet ħanina u lanqas ma kienet baqgħet sabiħa; inti xtaqt li t-tallaba jmutu għax kienu qegħdin jiksrulek rasek u għaliex is-sura tagħhom weġġgħetlek għajnejk; xtaqt ilmewt lil ħabibtek għax hi kienet belha; l-istess ħaġa xtaqt ilmewt lill-kuċċiera, u l-qerda taż-żwiemel għaliex ġegħluk tistenna meta kont imgħaġġel; inti xtaqt il-mewt tal-għaref Sarvilaka għax hu ma qabelx mal-fehma tiegħek. Dawn ix-xewqat huma naturali għal kollox. Id-delitti li dwarhom

qed iċanfrek Maitreya, mhumiex ħaġa oħra ħlief l-effetti, mingħajr inti ma kont taf xejn bihom, ta' l-ewwel ġibdiet tiegħek, dawk il-ġibdiet u xewqat li ħadd ma jista' jrażżan. Ħadd ma jista' ma jobgħodx dak li jdejqu, u għalhekk ma jixtieqx li jiġi meqrud darba għal dejjem. In-natura hi egojista, u l-egojiżmu jisfa biss f'qerda. L-iktar bniedem safi jibda biex f'qalbu jkun ħażin, u kieku jkollhom igħaddu minn għalihom u jitwettqu l-ewwel ġibdiet u xewqat tiegħu, id-dinja ma kenitx iddum ma tisfa għerja mill-bnedmin. Jien inqdejt bik, ja Tooriri, biex nuri u nfisser dan li għidt. Il-ħaqq mill-bniedem jiġi msejjes fuq it-tieni xewqat tiegħu, għax dawn jitnisslu mir-rieda tiegħu. Kieku ma ġietx mogħtija lilek dik il-grazzja misterjuża li ħtija tagħha u mingħajr ma ridt int, l-aħħar jum ta' ħajtek kien mimli ġrajjiet koroh u delitti, inti kont żgur tissokta safi u ħanin ma' tul ħajtek kollha. Jien fik miniex ser nagħmel ħaqq min-natura tal-bniedem, iżda mir-rieda tiegħek li dejjem kienet tajba u li dejjem għamlet ħilitha biex issewwi n-natura u ttejjeb il-biċċa xogħol li fil-ħolqien tagħha, jien ħallejtha nieqsa f'xi rqaqat. Dan hu l-għaliex, mela, ja maħbub qaddej tiegħi, il-bwieb tal-ġenna huma miftuħa għalik, illum.

"Tajjeb ħej," qal Maitreya, "mela allura x'ser tagħmel bija? Liema ħlas hemm merfugħ għalija?"

"L-istess," wieġeb Ormuzd, "għalkemm int ma tistħoqqux għal kollox. Inti kont qaddis, imma fl-istess ħin ma bqajtx bniedem ħlief fil-kburija tiegħek; int wasalt biex qridt minnek in-nifsek l-ewwel ġibdiet, imma kieku l-bnedmin kollha kienu jgħaddu l-ħajja li għaddejt int, il-bnedmin kollha kienu jisfaw meqruda iktar malajr milli kien jiġri kieku kull bniedem kien ikollu dik il-grazzja misterjuża li għal jum wieħed biss jiena tajt lil dan il-qaddej fidil tiegħi. Jien irrid li d-dinja tibqa' mgħammra bilbnedmin,' għaliex b'hekk nitfarraġ u fl-istess ħin għaliex kultant tagħtini dehra li tgħaxxaqni. L-isforz tiegħek sabiex tinqata' għal kollox mid-dinja u tagħti ruħek kollok kemm int lili fih x'wieħed ifaħħar, u għalhekk jien naħfirlek l-għelt ikreh tiegħek. Fi ftit kliem, Tooriri ser jidħol fil-ġenna u ser joqgħod fi ħdani għax jien nagħmel is-Sewwa, iżda inti, ja Maitreya, ser tidħol fis-saltna tiegħi għax jien ħanin."

"Iżda..." qal Maitreya.

Ormuzd rafa' wiċċu 'l fuq u b'leħen imqit qal: "Dak li kelli ngħid, għidtu."

# MARA

Mit-tieqa mbexxqa dieħla l-ewwel dija
fi kmajra siekta, mingħajr ħoss, titlajja;
ħdejn sodda mara tħares, imbikkija,

lej' l-wiċċ ta' żewġha qed imut: bil-qtajja'
minn moħħa għaddejja ħsebijiet qalila,
għax iebsa għal min iħobb firda ta' Ħajja.

Il-Mewt, minn wara l-bieb, tagħti titwila
fuq dik id-dehra, u tifraħ b'qalb għajjura
xħin tara l-ħerba, n-nisel ta' għamilha.

Il-mara għadha hemm... b'ħarsa miksura,
tfakkrek fil-ħarsa ta' Mara oħra kbira
li ħabbet min jaf kemm, u sfat maħqura.

Triegħed kemm kemm, imb'għad twieżen ħarira
ir-raġel f'dirgħajn martu: "Tibżax," qallha
"hemm ħajja aħjar minn din il-ħajja lsira,"

"Imm'int ma tmutx: min ħabb, mhux sew jitħalla
jinqered hekk żagħżugħ!" għajtet il-mara.
"Tibżax, nitlob għalik fis-sema... 'l Alla!"

U rasu, mb'għad, intelqet b'saħħa 'l wara:
quddiem il-Mewt, imbeżżgħa l-mara bkiet
b'qalbha muġugħa, b'ruħ xejn ma jsabbarha...

is-sebħ kien qed jitnikker fis-smewwiet.

ĠUŻÈ CHETCUTI.

5—11—'39.

# IL-FIAT TA' MARIJA

Kien kbir għaġeb, meta għal FIAT
T'Alla, saru s-sema w l-art,
Baħar, ħut, bhejjem u siġar,
Deh'r id-dawl, newweb il-ward !

Meta kollox kien ġo xejnu,
U fid-dlam, f'ċapep taċ-ċpar,
Dehret tiddi x-xemx fid-dinja
Tfeġġ minn xefaq aħmar nar !

* * *

Iżda kien għaġeb wisq akbar,
Meta Dik, li fil-qdusija
Ħadd mhu bħalha ! x-xebba rżina...
Safja bħas-susan... MARIJA !...

Meta Din ukoll f'ċokonha,
Daħak, tbissem tagħha l-fomm,
Qalet "FIAT"! u fi ħdanha
Tnissel Alla ! Saret Omm !

Saret Omm u baqgħet safja,
Għax maħżuż kien sa mid-dwiem,
Li dix-Xebba kellha tnissel
Lil min sawwar il-ħolqien !

R. M. B.

25/3/41.

# Kotba li waslulna

ALB. M. CASSOLA—*Il-Berritta Bajda ta' Bil-lejl*:—Qabel ma nġabret f'daqsxejn ta' ktejjeb, din il-kummidja ħelwa kienet mitbugħa f'Leħen il-Malti. Il-kittieb juri li għandu xejra sabiħa għal din ix-xorta ta' kitba. Għax, il-kummidja maħduma tajjeb ħafna, is-suġġett maħsub u magħżul, u s-'*sense of humour*' li tiltaqa' miegħu l-ħin kollu, hu mill-aħjar. Ta' min iħajjar lill-kittieb jissokta f'kitba bħal din li, fil-Malti, neħtiġuha ħafna.

# IL-MALTI

Il-ħsieb ta' dir-rivista hu :

li xxerred il-letteratura maltija

li taqbeż għall-jedd li għandu l-Ilsien Malti, u turi ġmielu u ħtiġietu

li tnissel ġibda u mħabba għall-kultura tabilħaqq maltija

li tagħmel il-qalb lill-kittieba tagħna

li tħarreġ lill-Maltin fil-qari tajjeb u fejjiedi bil-malti.

Għinu fit-tixrid ta' dir-rivista li tul ħajja ta' sbatax-il sena ma ratx ħlief mewġ qawwi ta' mibegħda u ta' taħbit — imma fl-aħħar rebħet.

Min ikun irid xi tagħrif, jikteb lis-Segretarju, Empire Press, il Belt.

It-tagħlim tal-Lsien Malti fl-iskejjel għad itella' ġenerazzjoni ta' żgħażagħ illi jkunu ħaddiema ħabrieka ta' lsienna, żgħażagħ mimlija bil-ħeġġa u bil-għożża ta' kull ma hu sabiħ f'ilsienna, żgħażagħ li għad ikunu jistgħu jagħmlu lil Malta għal kollox Maltija.